# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 22 ta' Mejju 2019

**Rikors Numru : 59/2019 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**SM**

**Vs**

**MM**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' SM, datat 4 ta' Frar 2019, a fol 1, li jaqra hekk :

1. *Peress illi l-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg taghhom fil-hmistax (15) ta' Ottubru tas-sena 1993 fir-Registru Pubbliku gewwa l-Belt Valletta u dan kif jirrizulta mic-certifkat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok A;*

2. *Peress illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal li nghataw l-isem ta' FM nhar X, SmM nhar Y u OM nhar Z li llum il-gurnata F u Sm huma maggorenni u jahdmu f'impjieg full time filwaqt illi O ghadu minuri;*

3. *Peress illi l-partijiet ilhom aktar minn erbgha (4) snin illi sseparaw minn ma xulxin u dan kif juri b'mod car il-kuntratt tas-separazzjoni fl-atti tan-Nutar Stephanie Psaila ta' nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju tas-sena elfejn u disgha (2009) hawn anness u mmarkat bhala Doc B ;*

4. *Peress illi l-partijiet huma domiciljati f'Malta.*

5. *Peress illi ma hemm ebda possibbilta ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra ilhom aktar minn erba' (4) snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin ;*

*Tghid ghalhekk l-istess intimata ghar-ragunijiet premessi ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni :*

1. *Tiddikjara u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna illi wara li jghaddi z-zmien utili skond il-Ligi, koppja tad-digriet relattiv tigi komunikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jigi debitament registrat skond il-Ligi.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata ingunta ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata dehret minghajr avukat fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2019, u wara li gie lilha spjegat d-drittijiet legali taghha ddikjarat li ma kellhiex bzonn ta' assistenza legali u li ma kienitx qed topponi ghad-divorzju.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**SM** xehed illi l-partijiet izzewgu fil-15 t'Ottubru 1993 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fit-27 ta' Lulju 2009 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tlett itfal, versu liema huwa jhallas manteniment b'mod regolari. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**MM** xehdet *et seqq* u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda tar-rikorrent.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-15 ta' Ottubru 1993,

(Vide Dok. A a fol 2) u li minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal;

Gie sodisfacentement stabbilit illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta kuntratt redatt min-Nutar Dottor Stephanie Psaila, datat 27 ta' Lulju 2009 (Vide Dok.B a fol 3 et seqq.);

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, u li l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**L-ispejjez ghandhom jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**